20 ta' Ġunju, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ġużeppi Muscat

**"Refuse" — Ġbir taż-Żibel fit-Toroq — Art. 32 (1) tal-Kap. 13.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tipprojbixxi li wieħed jiġbor iż-żibel u jagħmilha ta' "refuse collector" mingħajr awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma tolqotx biss il-ġbir taż-żibel mit-triqat, imma anki minn post ieħor, bħal ma huma d-djar, il-ħwienet, restaurants, ecc. Dik id-dispożizzjoni hija ġenerali, u ma tagħmel ebda distinzjoni dwar il-postijiet fejn jinġabar iż-żibel.*

*Dik il-parti tar-"refuse" li hija b'xi mod utilizzabili, sija pure għall-annimali, bħal ma huwa l-fdal ta' l-ikel, tidħol ukoll fis-sens tal-kelma "refuse", u għalhekk anki l-ġbir ta' dak il-fdal ta' l-ikel huwa kolpit mill-istess projbizzjoni li tirrigwarda r-"refuse".*

Fuq l-imputazzjoni illi għamilha ta' "refuse collector" bla permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-imputat ġie liberat bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-14 ta' Mejju 1949;

L-Attorney General appella fuq pont ta' liġi;

L-appell għandu ċerta importanza, għaliex id-deċiżjoni tista' tinfluwixxi fuq il-"modus operandi" tas-sistema tar-"re-

fuse collection'', inawgurat hawn Malta minflok is-sistema antik fl-1937;

Il-fatti huma sempliċi u paċifiċi. L-imputat, b'intiża ma' ċertu Grech, proprjetarju ta' restaurant il-Belt, soltu jigbor minn għandu dak ir-''refuse'', li jikkonsisti fil-fdal ta' l-ikel, għall-użu tal-majjali ta' l-imputat, u jagħti lil Grech bħala kumpens lira u nofs fix-xahar; Grech iżommlu dan il-fdal separat mir-''refuse'' l-ieħor. L-imputat jieħu u jġorr dan ir-''refuse'', konsistenti fil-fdal ta' l-ikel, ġo xkora fuq karrettun tiegħu;

Il-Maġistrat illibera lill-imputat għaliex irritjena illi l-liġi tikkolpixxi lil min jigbor ''refuse'' mit-toroq, mentri f'dan il-każ ir-''refuse'' ingabar mir-restaurant;

F'din is-sedi d-difensur ta' l-imputat donnu mar aktar 'il hemm mill-Ewwel Qorti, u sostna illi l-fdal ta' l-ikel ma għandux jitqies ''refuse'';

Is-sentenza hi appellabili għall-Attorney General minħabba l-pont tal-liġi nvolut fl-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija mill-Qorti t'Isfel;

Issa li sar l-appell, din il-Qorti għandha teżamina wkoll il-pont ġdid sollevat mid-difiża; il-għaliex bl-appell ġiet devoluta l-kwistjoni fl-aspetti tagħha kollha;

L-interpretazzjoni mogħtija mill-Maġistrat ma tidherx korretta; għal dawn ir-raġunijiet li sejrin jingħadu:

Id-dispożizzjoni li tirrigwarda dan il-każ hi dik ta' l-art. 32 (1) tal-Kap. 13, li hu dan :— ''No person may act as scavenger or collector of refuse without the auhorisation of the Commissioner of Police'';

Issa, għalkemm ma qalux espressament, aktarx li l-Maġistrat ta dik l-interpretazzjoni ristretta għar-raġuni illi dan l-artikolu jinsab taħt ir-rubrika tal-Liġijiet tal-Pulizija intestata ''Fuq it-Toroq''. Minn hekk il-Maġistrat arguwixxa li dak l-artikolu jikkolpixxi biss ir-''refuse collection'' fit-triqat. L-artikolu stess ma jagħmel ebda limitazzjoni, u hu ġenerali; u għalhekk bilfors li l-Maġistrat ħa l-argument tiegħu mir-rubrika;

''L-ewwelnett'', anki in teżi ġenerali, ir-rubrika ma hix dejjem kriterju żgur ta' interpretazzjoni, għalkemm tista' f'xi każijiet tkun ta' għajnuna suppletorja. Però ma hijiex kriterju

deċiżiv meta hemm fatturi oħra. Il-kollokament taħt rubrika partikulari jista' jkun, biex wieħed jgħid l-anqas, idea infeliċi. Hekk, biex wieħed jiċċita eżempju konkret, kien il-każ ta' l-art. 196 Kap. 12, li kien l-art. 191 fin-numerazzjoni ta' qabel l-Edizzjoni Riveduta, kif ġie rilevat fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha ordinarja, "Rex vs. Vella", 30 ta' Marzu, 1903;

"It-tieni", fil-kaz tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija dan hu aktar veru; għaliex, kif deher mill-istudji tal-Kummissjoni li għamlet l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, fil-Kodiċi fuq imsemmi ġew gradatament infilzati dispożizzjonijiet numerużi mhux dejjem, biex wieħed jgħid l-anqas, b'korrettezza ta' kriterji kwantu għall-inklużjoni tagħhom f'dawk il-Liġijiet jew f'xi parti partikulari ta' dawk il-Liġijiet. Il-Kummissjoni ordinat, kemm setgħet, l-ammass ta' dawk id-dispożizzjonijiet; però l-poteri tagħha kienu biss ta' emendi verbali, u mhux sostanzjali, u għalhekk ċertu diżordni bilfors baqa'; għalkemm jista' jkun attenwat. L-argument tar-rubrika għalhekk ikompli jonqos;

"It-tielet", għandu jingħad li, kif jidher mid-dispożizzjonijiet taħt it-Tieni Taqsima—li taħtha hemm l-artikolu in kwistjoni—il-leġislatur ried jevita perikoli, ingombri, eċċ., fit-triqat; u peress li, jingabar mnejn jingabar ir-"refuse", in ultima analisi min jiġbru jrid joħroġ bih u jgorru fit-triq, għalhekk aktarx li d-dispożizzjoni fuq imsemmija ġiet kollokata taħt dik ir-rubrika għal dik ir-raġuni, mingħajr ebda intenzjoni li tolqot biss ir-"refuse" fit-triqat. Tant hu hekk illi r-regolamenti publikati bil-Government Notice 325 ta' l-1899, li sejrin jissemmew, jipprevedu l-każ (Reg. 13) illi, meta jiġi rimoss, ir-"refuse" ikun "slopped or spilled, or shall fall upon any carriageway, or elsewhere, in such street", u jimponu lir-"refuse" collector" l-obligu, jekk jiġri dan, li jneħħi "forthwith such refuse from such place whereon the same may have been slopped or spilled, or may have fallen"; u jkompli jgħid illi r-"refuse collector" "shall immediately thereafter thoroughly sweep or otherwise thoroughly cleanse such place";

"Ir-raba'", ebda raġuni ma hemm—anzi kien ikun ħaġa assurda—illi l-leġislatur jirregola l-ġbir tar-"refuse" fit-triqat, u jħalli mhux dixxiplinat il-ġbir tar-"refuse" minn djar, eċċ.

Għalhekk, fid dispożizzjoni issa kommentata ma hemm ebda restrizzjoni, imma hija ġenerali. Għalhekk ukoll għandha titħares il-massima "ubi statuentes nihil distinxerunt, nec judices distinguere debent";

"Il-ħames", kull meta nħarġu regolamenti jew avviżi taħt din il-liġi, dejjem intużaw termini li juru illi l-liġi riedet talludi anki għall-ġbir tar-"refuse" minn kull bini li jkun, il-ħwienet inklużi. Hekk il-Government Notice 325 ta' l-1899, għalkemm issemmi "houses", issemmi wkoll (ara regolamenti 7, 12, eċċ.) "buildings" u "premises", li huma espressjonijiet ġenerali. Barra minn hekk, il-kelma "house", trattandosi ta' regolamenti maħruġa taħt il-Liġijiet tal-Pulizija, u in vista tal-massima ta' ermenewtika legali "statuta in uno eodemque volumine compilata unum ab alio debent recipere interpretationem", għandha tiftiehem skond l-"interpretation clause" ta' dawk il-liġijiet, ċjoè skond l-art. 2 Kap. 13, li taħt il-kelma "house" jikkomprendi wkoll "bini in generali", kwindi anki "ħanut". Hekk ukoll, fil-Police Notice 99 tat-22 ta' Diċembru 1930, u dik 14 tat-30 ta' Jannar 1931, hemm riferenza espressa għall ġbir tar "refuse" minn "shops";

"Is-sitt" u l-aqwa argument hu dan. Il-lokuzzjoni ta' l-art. 32 (1) hi alternativa fin-nomenklatura tal-mestjer, ċjoè "scavenger or collector of refuse". Issa, appuntu "scavenger" hija kelma użata pjuttost għat-toroq (ara s-sens spjegat fid-dizzjunarju—"scavenger—one who cleans the streets"—Chamber's Dictionary); mentri l-kliem "collector of refuse" jirriferixxu evidentement għal min jiġbor ir-"refuse" minn bini (djar, ħwienet, eċċ.). Għandu jiġi notat illi d-diċitura tal-liġi hi dik ta' l-emenda apportata bl-Ordinanza XII ta' l-1938, u appuntu ċ-Chief Government Officer ta' allura, il-Professur Bernard, li, kif inhu magħruf, ispira dawk l-emendi, fir-rapport tiegħu tal-31 ta' Mejju 1937 kien qal hekk :— "An efficient system of street scavenging has long been established in these Islands, but so far there has never been an organised service for the collection of house refuse". Il-lokuzzjoni ta' dan l-estratt (ara Gazz. tal-Gvern tat-3 ta' Awissu 1937, Suppl. LXXXI) tikkorrispondi għal-lokuzzjoni dupliċi tal-liġi emendanti — Ordinanza XII ta' l-1938 — imsemmija fir-rapport l-ieħor ta' l-istess Professur Bernard ta' l-1939, u turi d-distin-

zjoni bejn is-sens ta' "scavenger" (għat-triqat) u "collector of refuse"" (għall-bini, djar, ħwienet, eċċ., peress li "house" għandha, kif ġà ngħad, tifstiehem f'sens komprensiv);

Għalhekk din il-Qorti tirritjeni, bħala poot ta' dritt, li l-art. 32 (1) Kap. 13 hu ġenerali, u jirriferixxi għall-ġbir tar-"refuse" in ġenerali, u mhux limitatament għat-triqat;

Ikkunsidrat, kwantu għall-eċċezzjoni tad-difiża f'din is-sede;

Id-difensur, Dr. Stilon de Piro, qed isostni li fdal ta' l-ikel, separat apposta mir-"refuse" l-ieħor, ma hux "refuse" fis-sens tal-liġi, u għalhekk issottometta li l-liġi ma tapplikax fil-każ ta' l-imputat;

Issa l-iżball tad-difiża hu evidenti u fondamentali. In sostanza, id-difiża qiegħda tikkunsidra bħala "refuse" dak li hu parti biss minnu li jissejjaħ "rubbish", u qiegħda teskludi dik il-parti tar-"refuse" li tkun utilizzabili, sija pure għall-annimali, u qiegħda tikkunsidra din il-parti hekk utilizzabili bħala li ma taqax taħt il-kelma "refuse";

Issa, fil-liġi ma hemmx definizzjoni (u appena kien hemm bżonn li jkun hemm) tal-kelma "refuse". Veru hu illi fir-regolamenti fuq imsemmijin ta' l-1899, fl-ewwel regolament, jingħad hekk:— "The removal of dirt, dust, ashes, and refuse (to be hereunder termed "refuse")..........."; però dina d-diċitura, jekk wieħed irid iħares lejha bħala definizzjoni, hi definizzjoni tawtoloġika, atmenu in parti, għaliex tħalli dejjem il-kelma "refuse" mhix definita, għad li fiha ġew komprizi "dirt, dust and ashes";

Però, apparti dan, biżżejjed wieħed jirrikorri għal xi monografija in propożitu, biex jara illi l-kelma "refuse" ma jistax ikollha s-sens limitat li trid tagħtiha d-difiża. Fl-Amerika, il-kelma "refuse" tfisser in ġenerali "the solid wastes of a community", u tikkomprendi "garbage", "rubbish", "ashes and miscellaneous wastes". "Garbage" hija definita bħala "the waste matter resulting from the preparation, cooking and consumption of food" (dak li appuntu jikkostitwixxi l-fdal ta' l-ikel); mentri "rubbish" huwa "the miscellaneous material discarded by a community as being no longer of use or value". Hekk "rubbish" jinkludi "paper, rags, old clothing, broken furniture, and numerous other articles". Għalhekk għandu ji-

ġi notat illi "garbage"—li d-difiża trid eskluż mill-konċett ta' "refuse"—huwa anki inkluż; mhux biss, imma mill-istatistika ġie aċċertat illi "garbage" jikkostitwixxi, bil-piż, tmintax fil-mija tar-"refuse" kollu. Dan il-"garbage" fl-Amerika hu mogħti bħala ikel għall-majjali, tant li d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ta' dak il-pajjiż jikkalkola li l-"garbage" ta' tmien miljuni nies hu mitmugħ lill-majjali ("hogs"—"swine"). Fl-Ingilterra, il-"house refuse" ġie xjentifikament analizzat, u jikkonsisti, in medja, f'"fine dust, large cinders, bricks, pots, shale, etc., tins, rags, glass, bones, scrap iron, paper, fish offal, vegetable refuse, etc." (ara Encyclopaedia Britannica, taħt "Refuse Disposal", u "Destructors");

Għalhekk id-distinzjoni li trid tagħmel id-difiża ma hijiex sostenibili meta wieħed jieħu s-sens ordinarju u xjentifiku tal-kelma ġenerika "refuse";

Lanqas hi sostenibili meta wieħed jirrifletti fuq l-intenzjoni verosimili tal-leġislatur in relazzjoni għaċ-ċirkustanzi li mmotivaw l-organizzazzjoni tar-"refuse collection". Kif jidher mir-rapport tal-Professur Bernard ta' l-1937, il-Gvern ried *ibiddel is-sistema avventizju u insanitarju li kien hemm qabel.* Il-kliem tal-Professur Bernard, li jikkonnettu ruħhom ma' l-argument ta' din is-sentenza, huma dawn :—

"This is undertaken by men and boys, generally farm-hands, who come into the towns on their own account with donkey or mule carts, and effect a door to door collection practically every day. They obtain no regular payment for their service, and are content with the value of the refuse they collect, which, consisting mainly of vegetable and other fermentable garbage, represents for them a material very suitable for composing into manure. This latter operation they carry out by mixing the garbage with pig or other droppings and allowing fermentation to proceed until the mass is ripened into manure. Unfortunately, these fermenting heaps are generally kept in close proximity to inhabited houses, sometimes within the house itself and in the basements. In addition to the general sanitary objections of such practices, these dumps serve as breeding places and harbourage for rats, and the danger represented by these methods of refuse disposal reached a climax

this year, when plague, a disease carried by rats, appeared in the country districts;

"The methods of collection are also very objectionable. The refuse from the houses is received into bags in many cases all the worst for use, which are then piled high on the carts and transported to the villages. On their way home the "żibel" bags discard as much of the non-fermentable material (such as tins, broken crockery, ashes, etc.) as they can, and such articles are left behind in the way-side, sometimes in the streets of the towns themselves";

Issa ma hux loġikament preżumibili illi, meta saru l-emendi ta' l-1938, fostħom ta' l-art. 28 tal-Liġijiet tal-Pulizija (il-lum, fl-Edizzjoni Riveduta, art. 32 (1) Kap. 13), ċjoè dak in kwistjoni, il-leġislatur ried jeskludi mid-dispożizzjoni tal-liġi l-"garbage", kif sostanzjalment qiegħda tippretendi d-difiża, u ried għalhekk li jkomplu, għal dak il-"garbage", l-inkonvenjenti fuq lamentati, ċjoè l-ġbir avventizju ta' l-istess "garbage" minn nies mhux awtorizzati, l-użu u l-irfigħ tiegħu b'mod ta' ħsara għas-saħħa (mentri kull nazzjon studjat dejjem l-aħjar metodu ta' "disposal of refuse, pulverisation, inceneration, dump, burial, reduction", trattazzjoni bid-"destructors", etc.), it-trasport tiegħu b'mod li parti minnu taqa' jew tinxteħet apposta f'postijiet publiċi, etc. Kieku kellha tiġi ammessa l-interpretazzjoni li trid tagħti d-difiża lill-fatti ta' din il-kawża, allura wieħed ikollu bilfors jammetti fil-leġislatur l-intenzjoni li jkompli jittollera dawk l-abbużi li l-Gvern, meta għamel l-emendi, ried ineħħi—ħaġa inverosimili. Hu ċert li dawn l-inkonvenjenti kollha jerġgħu jitfaċċaw appena jiġi ammess — kif trid id-difiża — li kwalunkwe bniedem jista', bla bżonn ta' ebda permess, jirtira minn ħwienet ta' ikel et similia l-fdal ta' l-ikel u jittrasportahom għall-bżonnijiet tiegħu;

Għalhekk l-assunt tad-difiża hu insostenibili;

Minn dan jiġi li l-appell ta' l-Attorney General hu f'loku;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' dak l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat ħati skond iċ-ċitazzjoni, jiġifieri illi għamilha ta' "refuse collector" bla permess tal-Kummissarju tal-Pulizija; u wara li rat l-art. 32 (1), 313 u 314, Kap. 13, u art.

7 Kap. 12, tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' l-ammenda ta' £3, titħallas żmien għaxart ijiem mil-lum.